MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 577/2003

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Joseph Cauchi u martu Maria Cauchi**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u tmintax-il Lira Maltin (LM1818) rappresentanti import ta' disa' (9) kambjali, wahda (1) ta' Lm18 (tmintax-il Lira Maltin) (bilanc) u tmienja (8) ta' (mitejn u hamsa u ghoxrin Lira Maltin) LM225-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Marzu tas-sena 2003 sa Novembru tas-sena 2003 rispettivament u mhux**

**imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 9 konsekuttivament u inklusivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenzi ta' kull kambjali li sas-16 ta' Novembru tas-sena 2003 jammontaw ghal (disgha u hamsin Lira Maltin) LM59, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-28 ta' Jannar tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------